



Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9854/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0127(NLE)

POLCOM 201
COASI 94

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar lista riveduta ta' arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tiegħu u dwar lista riveduta ta' esperti f'konformità mal-Artikolu 13.15 tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra,
dwar lista riveduta ta' arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tiegħu
u dwar lista riveduta ta' esperti f'konformità mal-Artikolu 13.15 tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169¹.
- (2) Skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerç, stabbilit skont l-Artikolu 15.1 tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri (il-“lista ta' arbitri”). Permezz tad-Deċiżjoni Nru 2/2011 tat-23 ta' Diċembru 2011², il-Kumitat għall-Kummerç stabbilixxa l-lista ta' arbitri.
- (3) Il-partijiet għal Ftehim (il-“Partijiet”) esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nazzjonali Koreani, xi wħud min-nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni u xi wħud min-nonnazzjonali li jservu ta' presidenti fuq il-lista tal-arbitri. Sabiex dik is-sostituzzjoni tidħol fis-seħħ, huwa meħtieġ li l-lista riveduta ta' arbitri tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerç.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 307, 25.11.2015, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/2169/oj>)

² Id-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat għall-Kummerç bejn l-UE u l-Korea tat-23 ta' Diċembru 2011 dwar l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 14.18 tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 58, 1.3.2013, p. 13, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/111\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/111(1)/oj)).

- (4) Skont l-Artikolu 13.15(3) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar lista ta' mill-inqas 15-il persuna b'għarfien espert dwar il-kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim (l-“esperti”). Permezz tad-Deċiżjoni Nru 2/2012 tas-27 ta' Ġunju 2012³, il-Kumitat UE-Korea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (il-“Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli”) stabbilixxa lista ta' 18-il espert. Dik il-lista ġiet riveduta l-aħħar fl-2019 permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2019⁴ tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.
- (5) Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud mill-esperti nonnazzjonali li jservu bħala presidenti fil-lista ta' esperti. Sabiex dik is-sostituzzjoni tidħol fis-seħħ, huwa meħtieġ li l-lista riveduta ta' esperti tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ.
- (6) Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa ppjanat li jadotta il-lista riveduta ta' arbitri u l-lista riveduta ta' esperti fil-laqgħa tiegħu li jmiss jew, jekk qabel, permezz ta' proċedura bil-miktub.

³ Id-Deċiżjoni Nru 2/2012 tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar it-twaqqif ta' Bord ta' Esperti kif imsemmi fl-Artikolu 13.15 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 331, 1.12.2012, p. 54, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/742/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tat-30 ta' Settembru 2019 dwar lista riveduta ta' esperti li lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim. (ĠU L 264, 17.10.2019, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1734/oj>).

- (7) Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ, jekk jiġu adottati, se jipproduċu effetti legali għall-Unjoni.
- (8) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ dwar il-lista riveduta ta' arbitri u dwar il-lista riveduta ta' esperti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), dwar lista riveduta ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim dwar lista riveduta ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
